MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Numru. 536/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**EUCHARIST MICHAEL ANTHONY FARRUGIA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Eucharist Michael Anthony Farrugia bin Eucharist u Sandra Marie imwieled nhar it-28 ta’ Novembru 1974 u residenti Nru 1, Pjazza Indipendenza, Rabat, Ghawdex (Karta ta’ l-Identita` Nru 475900 L) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fis-16 t’Ottubru 203 ghall-habta tal-10:45 p.m. waqt li kien qieghed fuq il-MV Melita tal-Kumpanija Gozo Channel, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghall-valur ta’ tlieta u

tletin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm33.95c) ghad-dannu tal-Kumpanija Gozo Channel.

Semghet l-ammissjoni ta' Dottor Chris Said ghan-nom tal-imputat u fuq tali ammissjoni l-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat hati tal-akkuza.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 325 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq tali ammissjoni il-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah ghall-multa ta' ghaxar liri Maltin (Lm10).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------